## *Nitħeġġu fl-ispirtu minkejja s-sħana*

Lulju wasal fi tmiemu. Iżda s-sajf baqagħlu kważi xahrejn oħra biex jispiċċa: fit-22 ta' Settembru, skont iċ-ċikli tad-dinja madwar ix-xemx, il-ġranet jiqsaru u t-temperaturi jinżlu. Imma bħalissa t-termometru tas-sħana qed jmiss l-ogħla ċifri. U minkejja li nafu nsibu soluzzjonijiet kif naħarbu ftit mis-sħana qalila tas-sajf, xorta jibqa' l-fatt li waħda mill-aktar affarijiet li nbatu bihom fis-sajf, hi t-telqa u n-nuqqas ta' aptit għax-xogħol tagħna. Fil-bullettin ta' ġimagħtejn ilu tkellimna fuq it-tentazzjoni tax-xitan "ta' nofs il-jum" kif kienu jsejħulu l-antiki huma u jippruvaw jingannawh bl-arloġġ wieqaf tal-kampnar, ħalli ma jolqothomx bil-vizzju tal-għażż u t-telqa fis-sigħat l-iktar sħan tal-ġurnata.

Imma biex tħares ruħek u ġismek minn dan il-vizzju li fil-ħajja ma jħallikx tagħmel it-tajjeb li tixtieq tagħmel, mhux biżżejjed taħrab mit-tentazzjoni imma trid ukoll tissaħħaħ, ħalli xħin tibda tħossok tintelaq, titgħażżen, tingħalaq waħdek u titħassar lilek innifsek bla ma tagħmel xejn, ma ċċedix għal dawn il-ħsibijiet koroh imma titqawwa u ma tħallihomx iħassrulek il-ferħ tal-ġurnata.



San Pawl għandu riċetta tajba ta' kif għandna nagħmlu. Isimgħuh x'jgħid: "*Twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu. Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnassis tax-Xitan. Għax il-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-Setgħat, kontra l-Qawwiet, kontra l-Prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet. Għalhekk ħudu fuqkom l-armatura ta' Alla, ħalli tkunu tistgħu tieqfu fi żmien il-ħażen, u, wara li tkunu għamiltu ħilitkom kollha, iżżommu weqfin. Żommu sħiħ, mela, ħażżmu ġenbejkom bil-verità, ilbsu l-kurazza tal-ġustizzja, u xiddu riġlejkom bil-ħeġġa tal-Evanġelju tas-sliem; ħudu f'idejkom it-tarka tal-fidi; li biha tistgħu titfu l-vleġeġ kollha tan-nar tal-Ħażin; ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla tal-Ispirtu li hi l-kelma ta' Alla. Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu...*" (Ef 6,10-18).

Għalhekk l-antiki mal-kampnar l-ieħor kienu jpoġġu l-arloġġ li jdoqq il-qniepen biex isejħilna f'ħinu u f'waqtu għall-quddies, fejn nisimgħu l-Evanġelju li neħtiġuh biex iħeġġiġna fil-fidi u ma naqtgħux qalbna meta nintlaqtu mill-Ħażin, anzi niġġildulu bil-Kelma ta' Alla u bit-talb.

Veru li bħalissa l-arloġġ tal-Bażilika tagħna ġieli jbati u jitlef il-ħin. Forsi għeja jiġri warajna. Imma din mhix skuża biex aħna nitilqu l-ħin tal-quddies u t-talb, għax ħajjitna prezzjuża wisq biex inħalluha tinħela fix-xejn.

Ejjew u nnutaw kemm l-Evanġelju ta' dawn il-Ħdud tas-sajf hu perfett għalina: Alla, il-ħin kollu jrid ikellimna biex ma nintelqux u ma nitilfux l-iskop li għalih qed ngħixu.

**Konċelebrazzjoni fl-anniversarju mill-mewt** tal-Qaddej t'Alla Dun Mikiel Attard nhar l-Erbgħa 30 ta' Lulju fis-6.30pm fis-Santwarju Ta' Pinu. Ser titmexxa minn Mons. Isqof Anton Teuma. Kulħadd huwa mistieden.

**Quddiesa fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina** nhar il-Ġimgħa, 1 t'Awwissu fil-5.00pm.

**Siegħa Adorazzjoni**, is-Sibt 2 t'Awwissu fit-8.15am, fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, bi tpattija lill-Qalb bla Tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd mistieden jingħaqad magħna.

**L-għoti tad-demm fil-Berġa tax-Xewkija** jkompli fix-xahar t'Awwissu. Issibu d-dati fuq il-Facebook tal-parroċċa u fin-noticeboards tal-knisja. Jekk tistgħu, inħeġġukom tgħinu f'dan l-att nobbli ta' karità mal-proxxmu.

**Fundraising tal-Parroċċa:**

**Ġabra tal-irċevuti**

Wara li dan l-aħħar kellna aħbar sabiħa li rbaħna s-somma ta' €1,180, nixtiequ nkomplu nħeġġukom biex tgħinuna niġbru l-irċevuti fiskali li jagħtuna ċans nieħdu sehem fil-lotteriji nazzjonali li jsiru ta' kull xahar. Dan hu mod sempliċi ħafna ta' kif tagħtu s-sehem tagħkom favur il-parroċċa.

**Lotterija**

Fil-bidu tas-sena pastorali l-ġdida (tmiem is-sajf) ser issir lotterija tal-kwadru kbir tal-fidda bl-ixbieha tal-istatwa devota tagħna ta' San Pietru u San Pawl. Min jixtieq jieħu sehem u jgħinna jista' jakkwista l-biljetti li ser jinbiegħu f'dawn il-ġimgħat tas-sajf mingħand Maria Attard.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am